MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 952/2004

**Wallace Cauchi**
**vs**
**Kunsill Lokali Mtarfa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Mejju, 2004, fejn intalab il-hlas ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00) jew somma verjuri li tigi stabbilita mit-Tribunal, rapprezentanti telf ta' qliegh dovuti lill-attur ai termini ta' kuntratt ta' appalt moghti lill-istess attur mill-Kunsill konvenut, u dan ghax-xhur ta' April sa Awissu, 2004.**
**Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata 8 ta' marzu, 0, u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-3 ta' Gunju, 2004 fejn intqal :**

**i. Illi it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kuntratt bejn il-partijiet gie terminat skond it-termini ta' l-istess kuntratt u dan minhabba non osservanza tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt mill-attur.**
**ii. Illi l-attur nghatalu diversi « default notices » ghal xoghol li wettaq liema xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.**

**Ra l-affidavits ta' Wallace Cauchi. Semgha x-xhieda ta' Josephine Abela, Wallace Cauchi, Emmanuel Farrugia, John Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-attur qed jitlob hlas ghall-telf ta' qliegh ghax-xhur April sa Awissu, 2004, u dana skond kuntratt ta' appalt mal-Kunsill konvenut. Il-Kunsill qed jghid li l-kuntratt kien gie terminat kien gie terminat skond it-termini tal-istess kuntratt, apparti li qed jinghad li x-xoghol li wettaq l-attur ma kienx skond is-sengha u l-arti.**
**2. It-tender li rebah l-attur jinsab esebit a fol-11 tal-process, u l-accettazzjoni tal-istess tirrizulta mill-fol.12 datat 21 ta' Lulju, 2003. Dana kien kuntratt ta' sena Dok.CW1, li seta' jigi estiz ghall-sentejn kemm il-darba il-Kunsill ikun soddisfatt bl-operat tal-attur. Mill-fol.14 jirrizulta li l-attur kien lest li jaghmel is-segwenti : « …zamma u tindif ta' soft areas, access roads u pedestrian streets ta' l-Imtarfa…………………Ser naghti b'xejn il-manutenzjoni u z-zamma ta' zewg traffic islands li hawn gewwa l-Imtarfa (wahda hdejn l-arblu tal-Maltacom u l-ohra hdejn il-garaxxijiet ta' taht l-Imtarfa. » Ir-rati jirrizultaw mid-Dok.CW2.**
**3. Il-kundizzjonijiet specifici dwar dak li kien obbligfat jaghmel l-attur jinsabu a fol. 15 tal-process, u dawn kienu : « trimming ta' hedges ; hart ta' hamrija ; qtugh ta' haxix ; tahwil ta' pjanti ta' l-istagun ; ghoti ta' fertilizzanti ; zbir u tisqija ta' sigar ; gbir ta' karti u tindif mill-hamrija ; bexx u gbir ta' gebel**

**u skart iehor goff. Dina kienet l-iskeda li tirrigwarda dawk li jitqiesu bhala soft areas.**

**4. Skond il-klawsola 32 tal-kuntratt il-Kunsill kellu id-dritt li jittermina fis-segwenti kazijiet elenkati fil-klawsola 37 tal-istess (fol.18 u 19 tal-process) : « i. if without reasonable cause he wholly suspends the carrying out of the service or part thereof ; or ii. if without reasonable cause he fails to commence the performance of the service according to the agreed Commencement date ; or iii. If he fails to proceed regularly and diligently with the service ; or iv. If he refuses or persistently neglects to comply with a written notice from the Council Representative ……..and by such refusal or neglect the Service in whole or in part is materially affected ; v. if he fails to comply with any of the provisions of the contract. »L-attur jispjega li meta sar il-kuntratt is-Sindku kienet Josephine Abela, u jghid li din taghtu pjanta ta' fejn kellu jahdem. Skond l-attur meta inbidel is-Sindku, minghajr ma kien hemm qbil zdieditlu l-« area » li kellu jiehu hsieba, u dana skond id-Dok.WC2. L-attur jammetti li kien jircevi minghand il-Kunsill ittri (Dok.WC3, WC4 u WC5) li ma kienx qed jaghmel ix-xoghol kif mitlub, meta skond hu kien qed jaghmlu ghalkemm ma kienx hemm ftehim fuqu. L-attur jispjega li gie waqqaf milli jkompli ix-xoghol ghall-perijodu minn April sa Lulju, 2004, u ghalhekk ghamel it-talba ghad-danni. Hu jghid li kien jithallas sitt mitt lira Maltin (Lm600.00) fix-xahar.**

**5. L-ex Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa, Josephine Abela, spjegat li l-attur kien inghata t-tender peress li kien l-aktar kompetittiv. Fit-tender kien hemm ir-rata ta' kemm kien ser izomm ghal diversi affarijiet. Il-kuntratt kien ghal sena u renovabbli ghal sentejn ohra wara. L-istess Abela tghid li fil-perjodu li kienet sindku l-attur dejjem hadem u kienet soddisfatta hafna bix-xoghol tieghu. Rilevanti li s-Sindku prezenti dak iz-zmien ta' Abela kellu l-kariga li jissorvelja l-affarijiet, u dan qatt ma kien ressaq ilmenti dwar ix-xoghol tal-attur.**

**6. Skond Abela, s-Sindku prezenti waqt laqgha tal-Kunsill, qabad mazz tenders u qal li jekk irid jista'**

**jwaqqafhom meta jrid u hi kienet ilmentat fuq dan il-fatt, li ma setghax jaqbad u jwaqqafhom.**

**7. Abela tghid ukoll li jekk wiehed kien iqabbad lill-attur jaghmel xoghol extra minn dak li kien hemm fit-tender dan kien jaghmlu.**

**8. Emmanuel Farrugia, is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa, jispjega li kien hemm ilmenti li x-xoghol mhux qed isir kif suppost. It-Tribunal jinnota li fil-laqghat tat-23 ta' Dicembru, 2003, tas-16 ta' Jannar, 2004 kull ma hemm hi minuta dwar l-ittra li ntbaghtet lill-attur mis-Segretarju Ezekuttiv. Fil-laqgha tas-27 ta' Frar, 2004 hemm referenza ghall-diversi ilmenti dwar il-qtugh tal-haxix. F'din l-ahhar laqgha il-Kunsill kien qabel li l-kuntratt jigi terminat. Ilmenti ohra jinsabu fil-Laqgha Annwali a fol.197 tal-process.**

**9. Inoltre ir-ritratti Dok.JC1 sa JC8 juru certu stat ta' abbandun, u fuq dan hemm kontestazzjoni dwar kien responsabilita` tal-Kunsill jew tal-Gvern. Skond l-exSindku Abela kienet responsabilita` tal-Gvern, filwaqt li skond is-Sindku Camilleri kienet responsabilita` tal-Kunsill. Il-fatt hu li spicca l-attur ibati minhabba dan il-punt ta' kontestazzjoni.**

**10. Jirrizulta li John Camilleri, is-Sindku prezenti, kien wissa lill-attur u qallu biex jirranga l-affarijiet diversi drabi.**

**11. Mill-provi mismugha jirrizulta li l-attur kien qed jaqdi dak li originarjament kien ikkuntrattat li jaghmel. Ma hemmx dubbju li l-kelma "soft areas" ma ghandix tigi interpretata li tinkludi sigar. Ma jirrizultax li kien hemm tibdil unilaterlai tal-konfini kif allegat.**

**12. Issa f'dan il-kaz kien hemm kuntratt ta' appalt, li fil-ligi hu regolat bl-artikoli 1633 sa 1643 tal-Kap16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 1640 jipprovdi li: "Min jaghti x-xoghol jista` jholl meta jrid, il-kuntratt ta' appalt, ghalkemm ix-xoghol ikun ga beda, billi jhallas lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu, flimkien ma' soma li tigi meqjusa mill-Qorti, skond ic-cirkostanzi, izda mhux izjed mill-qliegh li l-appaltatur seta` jaghmel b'dak l-appalt."**

**13. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, Jirrizulta li l-attur kien qed jiehu hsieb l-affarijiet skond il-mansjonijiet tieghu, u skond id-direttivi moghtija mis-**

**Sindku precedenti. It-terminazzjoni kienet att estrem u ghalhekk il-Kunsill ghandu jirrisarcixxi d-danni lill-attur. Fic-cirkostanzi, ghalkemm hu jghid li kien jithallas sitt mitt lira fix-xahar, bhala danni it-Tribunal iqies li somma ekwa tkun dik ta' sitt mitt lira Maltija bhala talba.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Kunsill konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600.00) in linea ta' danni, bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum.**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------